MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2004

Numru 126/2000

**Il-Pulizija**
**Spettur Maria Stella Cutajar**
**V**

**GEORGE FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GEORGE FARRUGIA** ta' sebgha w tletin sena bin Emanuel u Therese nee Polidano, imwieled Pieta nhar l-hamsa ta' April 1962 li joqghod 'Gesu Redentur', Triq San Gwann, B'Bugia, detentur tal-karta tal-identita numru 253362M gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-ewwel ta' Awissu 1999 ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar meta kien B'Bugia:

1. hedded kif wkoll attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika kontra persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku u cioe s-Surgent 853 Frankie

Sciberras waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi mill-awtorita kompetenti;
2. talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi voluntarjament kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Janie Farrugia u cioe mart George Farrugia liema griehi huma ta' natura hafifa skon dkif iccertifika Doctor A. Bugeja MD fic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;
3. talli fl-istess data, hin u cirkostanzi voluntarjament kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Jonathan Farrugia ta' hdax il-sena u cioe ibnu kif wkoll ta' bintu Rodianne Farrugia ta' tmien snin skond kif iccertifikja Doctor A. Bugeja MD fic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;
4. talli fl-istess data, hin u cirkostanzi voluntarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe fuq l-uniformi tal-imsemmi Pulizija kif wkoll gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' B'Bugia, liema hsara ma tammontax ghal aktar minn hamsin lira maltin u li saret ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.
Il-Qorti giet mitluba sabiex jinzamm l-bon ordni w il-paci pubblika flimkien mal-piena jew minflok l-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi moghtija mill-Qorti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa w ghoxrin ta' Frar 2000 esibit fl-atti a fol 25 markat bhala dokument CSH.

Rat in-nuqqas t'oggezzjoni tal-imputat li jigi gudikat minn din il-Qorti kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-ghaxra ta' Gunju 2002 kif jirrizulta a fol 5 tal-atti.

Rat is-sentenza moghtija minn din l-istess Qorti nhar s-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2001 a fol 95 et seq tal-atti fejn kienet kkundannatu **ghal piena karcerarja ta' sitt xhur komplessivament, liema perjodu pero kien qed jigi sospiz ghal perjodu ta' sentejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u poggitu taht probation order ghal perjodu massimu ta' tlett snin bil-kundizzjoni li jsegwi il-programm li jigi moghti lilu mill-agenzija SWDP dwar s-sitwazzjoni domestika**

**tieghu u li ma jkunx aggresiv fil-konfront ta' martu w uliedu.**

Rat in-nota tal-Ufficjal tal-Probation Marietta Lanzon ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-ghaxra ta' Marzu 2004 fejn infurmat lil Qorti li ghalkemm George Farrugia kien qed jattendi regolarment ghall-appuntamenti lli hi taghtih, u kien ghadu jsegwi programm mal-agenzija Appogg, fejn hemm inghata t-terapija necessarja sabiex jgheleb l-problema ta' vjolenza domestika li ghandu, xort wahda din l-istess problema regghet tfaccat u saru rapporti lilha minn mart l-imsemmi George Farrugia u cioe li kien qed jerfa' idejh fuq uliedu u anke kien qed jheddidhom biex jbezzghahom.

Il-Qorti appuntat dan r-rapport ghas-smiegh ghal **nhar d-dsatax ta' April 2004** fejn f'dik is-seduta **xehdet l-Probation Marietta Lanzon** fejn qalet li meta nghatat s-sentenza nhar s-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2001, hi kienet irrakkomandat lil imputat jaghmel kors mal-Agenzija Appogg ghal Mens Services, u dan bil-ghan li r-rabbja li kellu l-imputat jitnaqqas u dan peress li kellu problema ta' vjolenza domestika u kien qed jerfa idejh fuq martu. Qalet li ghal bidu kien sejjer tajjeb pero ghall-ahhar tas-sena 2003, l-imputat beda jaggrava fis-sens li l-atteggjament tieghu fil-konfront ta' martu rega' beda jerfa idejh fuqha kif wkoll fuq uliedu. Qalet li hi kienet talbet lil martu taghmel certifkat mediku pero t-tabib m'ghamillix tali certifikat. Qalet li fil-frattemp kien hemm xi familjari ta' martu li kien ikkommetta suwicidju darba minnhom l-imputat kien hedded lit-tfal li kien ser jisparalhom u jispara lilu nnifsu u naturalment dawn t-tfal twerwru. Qalet li l-l-imputat kien jattendi ghal laqghat li kellu mal-Appogg u kien sejjer tajjeb u li sahansitra kien anke heggeg lil martu biex tmur tiehu l-ghajnuna rikjesta. Qalet wkoll li hi stess kienet cemplet l-Appogg biex jaghmlu kuntatt mat-tfal u li anke tkellmet mal-imputat li kkonfermalha li hu kien qal dak id-diskors fil-konfront tat-tfal.

Nhar **t-tnejn ta' Gunju 2004 xehdet mart l-imputat u cioe Jane Farrugia** [fol 112] fejn qalet li f'dak iz-zmien kienu ghaddejjin fazi tajba fis-sens li m'ghadx ikun hemm

vjolenza u li minn April 2004 sa dakinhar l-imputat ma regghax kien vjolenti.

Nhar **s-sebgha ta' Lulju 2004 regghet xehdet Jane Farrugia** [fol 114] fejn qalet li kollox kien jinsab ghaddej normali u qalet li tittama li peress li kienet waslet il-festa fl-ewwel gimgha ta' Awissu, l-imputat ma jkunx xurban f'dak il-perjodu.

Nhar **l-ewwel ta' Settembru 2004 regghet xehdet il-Probation Officer Marietta Lanzon** [fol 116] fejn qalet li minn dakinhar tal-ghaxra ta' Marzu 2004, u cioe minn meta ghamlet r-rapport lil Qorti fil-kofnront tal-imputat, jidher li l-affarijiet immeljoraw ruhhom tajjeb u cioe li l-imputat kien ghamel progress maghha u li kemm martu kif wkoll uliedu kienu qed qed jigu nvistati minn membri tal-Appogg u li f'Novembru ta' din is-sena l-probation kienet ser tiskadi.

Nhar **t-tmienja ta' Novembru 2004 regghet xehdet ghal darb'ohra il-Probation Officer Marietta Lanzon** [fol 118] fejn qalet li mill-ahhar darba li tat d-deposizzjoni taghha l-affarijiet komplew jigu 'l quddiem u li minn naha tal-Appogg kienu nfurmawha li l-imputat dejjem attenda ghal gruppi. Hija ssugerit li l-imputat dan jibqa jaghmlu u li kemm martu kif wkoll hu jaghmlu parental skills u dan peress li t-tfal qeghdin fi stadju t'adoloxxenza u hekk l-imputat jista jkollu problemi bihom.

Illi ghalhekk f'dan il-kaz in ezami ma hux kontestat li fil-fatt l-imputat probationer kiser l-ordni tal-probation fuq imsemmija u dan ghaliex fuq ammissjoni tieghu stess mal-istess Probation Officer Marietta Lanzon ammetta li kien aggressiv u hedded lil uliedu.

Pero minn naha l-ohra mix-xhieda tal-istess Probation Officer Marietta Lanzon jirrizulta li minn Gunju 2004 'l quddiem l-imputat kien donnu rriforma ruhu u ma kien hemm ebda vjolenza domestika la fil-konfront ta' martu u lanqas ta' uliedu.

Illi l-artikolu 21(2) tal-Kap 466 jipprovdi dwar ksur ta' kondizzjonijiet f'ordni ta' probation u jghid:

*"Jekk jigi ppruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li min ikun taht probation jkun naqas milli jhares xi htiega ta' ordni ta' sanzjoni fil-komunita, dik il-Qorti tista minghajr pregudizzju ghat-tkomplija tas-sanzjoni, twahhal lil hati amenda … jew tista tittratta ma min ikun taht probation ghar-reat li dwaru tkun saret s-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-Qorti tista tittratta lil hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dak r-reat."*

Issa fil-kaz in ezami, din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza taghha tas-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2001 kienet apparti li poggiet lil imputat taht probation, ma kienetx illimitat ruhha ghal ordni tal-probation, imma wara li qiset ic-cirkostanzi tal-kaz kienet wkoll ghamlitha cara mal-imputat li jekk hu jirrepeti dawn l-allegazzjonijiet barbari tieghu versu martu w uliedu u jinstab hati taghhom, il-Qorti ma kienx ser jkollha triq ohra salv li tibghatu l-habs.

Jigifieri f'dan il-kaz din il-Qorti kienet gia ttratta mal-hati billi kkundannatu **ghal piena karcerarja ta' sitt xhur sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 21(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, rinfaccata bil-ksur tal-kondizzjonijiet ta' ordni tal-probation da parti tal-imputat probationer GEORGE FARRUGIA ma tistax terga taghti kundanna ohra ghal istess reati oltre dik li kienet gia tat fl-ewwel sentenza taghha u l-unika triq li hija miftuha ghaliha hi dik li timponi kundanna ta' hlas ta' amenda ta' erbghin lira maltin bhala kastig ghal ksur ta' ordni ta' probation *ut sic* imma mhux ser izzid fuq il-kundanna li nghatat bis-sentenza fuq citata.**

**Peress li l-imputat probationer llum jinsab qed jindirizza din il-problema mal-Agenzija Appogg, il-Qorti qed taghti l-fakulta lil imputat probationer jhallas l-amenda inflitta f'zewg rati mensili u konsekuttivi ta' ghoxrin lira kull wiehed b'dan li l-ewwel pagament**

**ikun dovut sa mhux aktar tard mit-tletin ta' Novembru 2004u dan ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------